# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 11 ta' Ottubru, 2021

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 23/2021 ISB**

**Bank of Valletta Plc (C 2833)**

**vs**

**Ir-Registratur tas-Socjetajiet**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Bank of Valletta plc (C-2833)**, pprezentat fit-12 ta' Marzu 2021, li permezz tieghu huwa jsostni hekk:-

*1. Illi, s-socjeta' MT Limited (C 41597) hija debitrici tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. in forza ta' zewg kuntratti, wiehed ta' Loan u l-iehor ta' Overdraft, datati 24 ta' Lulju 2007, in atti Nutar Dottor Robert John Muscat, hawn annessi u mmarkati "Dok. A" u "Dok. B".*

*2. Illi d-debitu ta' MT Limited mas-socjeta attrici gie garantit in solidum permezz tal-iskrittura privata datata 2 ta' Lulju 2007 (Dok. "SKR. A") u tal-kuntratti Dok. "A" u "B" fuq imsemmija.*

*3. Illi dan id-debitu huwa kanonizzat permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Lulju, 2010 – Citazzjoni numru 674/2009 GCD – fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs MT Limited u Mario Schembri" (Dok. "C"), fejn l-imsemmija MT Limited u Mario Schembri gew ikkundannati jhallsu flimkien u in solidum lis-socjeta esponenti s-somma ta' miljun, mija u hmistax-il elf, seba' mija u zewgt Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1,115,702.73), bilanc ta' self, flimkien mal-imghaxijiet mid-19 ta' Gunju 2009 u l-ispejjez legali.*

*4. Illi, illum l-esponenti hija kreditrici tas-socjeta' MT Limited, socjeta' inkorporata mar-Registratur intimat bin-numru progressiv C 41597, fis-somma ta' zewg miljuni, mija u sitta u hamsin elf, mitejn u ghaxar Ewro u hmistax-il centezmu (€2,156.210.15), bilanc ghad-debitu fil-"Loan, Overdraft Reducing Only Account" tas-socjeta MT Limited mas-socjeta Bank of Valletta p.l.c., flimkien ma' l-imghax legali mit-12 ta' Frar 2021, sal-jum tal-pagament effettiv, kif ahjar jirrizulta mill-prospetti hawn annessi u mmarkati dokument "Dok. D" u l-ispejjez legali;*

*5. Illi, l-isem tas-socjeta' MT Limited gie imhassar minn fuq ir-registru ai termini tas-sub inciz 2 tal-Artikolu 325 tal-Att ta' l-1995, dwar il-kumpaniji, Kap. 386 tal-Ligiijiet, b'effett mit-2 ta' Lulju 2020 kif ahjar jirrizulta mill-avviz mahrug mill-intimat Registratur tal-Kumpaniji, li kopja tieghu qed tigi hawn ezibita u mmarkata "Dok. E".*

*6. Illi, s-socjeta' esponenti, bhala kreditrici ta' l-imsemmija kumpanija, umilment tissottometti li ghandha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija MT Limited gie mhassar minn fuq ir-registru bis-sahha ta' l-imsemmi sub artikolu 2 tal-Artikolu 325 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet, u ghalhekk l-esponenti umilment tghid illi huwa xieraq illi l-isem tal-kumpanija jerga' jidhol fir-registru, sabiex l-esponenti tkun tista' tezercita d-drittijiet illi ghandha kontra l-istess socjeta' MT Limited.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment li Din l-Onorabbli Qorti Joghogbha ai termini ta' l-Artikolu 325 (4) ta' l-att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta):-*

*(i) Tordna li l-isem tas-socjeta' MT Limited bin-numru tar-registrazzjoni C 41597 li gie mhassar minn fuq ir-registru b'effett mit-2 ta' Lulju 2020, jerga' jidhol fir-Registru tas-Socjetajiet mizmum mill-intimat ai termini tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(ii) Tordna li r-Registratur tal-Qrati jikkonsenja lir-Registratur intimat ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta' l-Ordni Moghtija fuq it-talba precedenti.*

*(iii) Taghti dawk id-direzzjoni u Taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni biex is-socjeta' MT Limited u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun vicin daqs li kieku l-isem tal-kumpanija MT Limited qatt ma gie mhassar minn fuq ir-Registru.*

*(iv) Tordna lir-Registratur tas-Socjetajiet intimat jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-website mizmuma mill-istess registratur intimat u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta.*

*(v) Tordna lir-Registratur tas-Socjetajiet intimat idahhal l-isem tal-kumpanija fir-registru minnu mizmum skont il-Ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors DOK A sa DOK E) minn fol 4 sa fol 31.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fit-23 ta' Marzu 2021 (ara tergo ta` fol 33).

Rat illi fid-9 ta' April 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 37), li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija MT Limited (C 41597) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit- 12 ta' Ġunju 2007;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat prospetti annwali u kontijiet annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-istess Att. Tant hu hekk, illi l-aħħar prospett annwali li ntbaghat iġib id-data tas-sena 2008, filwaqt illi l-istess kumpanija ma bagħtet qatt kontijiet annwali matul is-snin li damet fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu għal diversi snin kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpannija u lill-uffiċali tagħha (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) sabiex javża illi l-isem tal-kumpannija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi l-ewwel ittra li ntbagħtet lill-kumpanija u lill-uffiċċjali tagħha kienet datata 25 ta' Frar 2020, u t-tieni ittra 2 t' April 2020;*

*Illi konsegwentement ai termini tal-Artikolu 325, l-esponent ipproċeda bil-pubblikazzjoni ta' avviż fuq website miżmuma minnu u f' gażżetta li toħroġ kuljum. Madankollu fit-terminu preskritt mil-liġi, la l-kumpanija, lanqas id-direttur ewlieni tagħha u lanqas terzi persuni ma nfurmaw lir-Reġistratur illi kellhom xi nteress illi l-isem tal-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru. Għalhekk l-esponent mexa sabiex iħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru b'effett mit-2 ta' Lulju 2020;*

*Illi kif jidher ċar mil-fatti suesposti, ir-rikkorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponent dwar l-interess illli kellu sabiex l-isem ta' din il-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda dan baqa inadempjenti;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikkorent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditur ai termini tas-subartikolu 4  tal-artikolu 325 tal-Att. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqs li kieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru.*

*Illi r-Reġistratur japprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, dina l-Onorabbli Qorti m' għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċement għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur jixtieq umilment jissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal- lum, il-kreditur jagħzel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi.*

*Illi għalhekk ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpanija in kwistjoni timmeritax illi tidħol lura fuq ir-Reġistru. Ir-Reġistratur m' għandux oġġezzjoni għal dan u għalhekk lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrent ikun fil-posizzjoni illi jeżerċita kwalunkwe drittijiet spettanti lilu bħala kreditur tal-*

*kumpanija msemmija . Filwaqt illi r-Reġistratur ma jispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat **id-digriet** taghha tal-18 ta' Marzu 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tat-8 ta' Gunju 2021 fl-11.00am.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Gunju 2021, deher Simon Zammit in rapprezentanza tal-Bank rikorrent kif assistit mill-Av. Domenic Cassar u dehret l-Av. Claudette Fenech ghar-Registratur tas-Socjetajiet.

Semghet, f'din l-istess udjenza x-xhieda tal-imsemmi Simon Zammit u rat d-dokumenti minnhu esebiti.

Rat illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mill-Bank rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386** tal-Ligijiet ta' Malta, u li permezz taghha, ir-rikorrent jghid illi b'effett mit-2 ta' Lulju 2020, isem is-socjeta` **MT Limited (C-41597)** kien gie mhassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.

Illi jirrizulta illi l-Bank rikorrenti huwa kreditur tas-socjeta` msemmija **MT Limited**, fl-ammont komplessiv indikat fir-rikors promotur, oltre` l-interessi ulterjuri sad-data tal-pagment effettiv, rizultat ta' diversi facilitajiet bankarji u finanzjarji moghtija mill-Bank rikorrenti lis-socjeta` msemmija, ftehim maghmula u fuq kollox kif kanonizzat permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta' Lulju 2020 (Cit Nru 674/2009GCD).

Illi jirrizulta ukoll, mid-dokumenti esebiti mill-Bank rikorrenti b'nota tal-21 ta' Gunju 2021, illi huwa ghandu ukoll ipoteki fil-konfront tal-istess socjeta` **MT Limited**, u kwindi, meta isem l-istess socjeta` thassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, il-Bank rikorrent hassu pregudikat peress illi gie f'pozizzjoni fejn ma jistghax jezegwixxi it-titolu ezekuttiv li ghandu fuq il-krediti tieghu fil-konfront tas-socjeta` msemmija.

Illi ulterjorment l-ammont illi l-Bank rikorrent jirrizulta illi ghad ghandu jiehu minn ghand is-socjeta` MT Limited huwa wiehed sostanzjali, ammontanti sat-8 ta' Gunju 2021 ghas-somma ta' l-fuq minn zewg miljun Euro (DOK SZ 6).

Huwa allura ghalhekk illi l-Bank rikorrent ressaq dawn il-proceduri sabiex is-socjeta` **MT Limited (C-41597)** terga' titqieghed fuq ir-Registru bil-ghan illi l-Bank rikorrent jiehu l-mizuri kollha lilu spettanti biex jissodisfa l-krediti tieghu, billi jikseb u sussegwentament jenforza t-titoli ezekuttivi.

Illi fid-deposizzjoni tieghu, **Simon Zammit** in rappresentanza tal-Bank rikorrenti ighid fost ohrajn illi l-Bank rikorrenti huwa kreditur tas-socjeta` MT Limited u dan kif anke kkonfermat mid-dokumenti esebiti, mill-liema jirrizulta ukoll illi hemm proprjeta` bl-isem ta' "Cherry Tree Pub & Restaurant" li jinsab gewwa Bugibba u li jista' jaghmel tajjeb, almenu in parti, ghal dan il-kreditu.

Ulterjorment, filwaqt illi jispjega ir-raguni wara d-dewmien tal-Bank biex jezegwixxi t-titoli ezekuttivi tieghu, ighid "*..... hopefully d-disposal ta' dan l-ass b'xi mod jew iehor jkun jista' jsir fiz-zmien li gej*". Ikopmli, "*fic-cirkostanzi li ninsabu fihom gja nkunu qeghdin 'Blessed' jekk il-Qorti tghatina cans li jiggedded, to re-instate the comaopny, allura ma nistghux imbaghad nabbuzaw izejjed mid-decizjoni tal-Qorti jekk ha ttina extension. Jigififeri ha jkun hemm time-limit, ha jkun hemm deadline, il-Bank irid jiehu azzjoni. Jekk ma jaghmilihiex il-klijent jaghmilha l-Bank f'dan il-kaz*".

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jsostni illi kellu kull raguni valida fil-ligi biex jikkancella l-kumpannija u ghaddha mill-proceduri kollha li trid il-ligi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jhalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeciedi hi skond il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Registratur intimat jirrimarka illi ma jkunx sewwa illi jsiru proceduri bhal dawn meta l-istess rikorrent ikun konxju illi l-kumpannija li isimha hekk ikun gie kancellat ma jkollha ebda assi.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena citat.

M'hemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija **MT Limited (C-41597)** giet ikkancellata minn fuq ir-Registru, in kwantu illi l-partijiet jaqqblu u d-dokumentazzjoni hekk turi, illi dan sar b'effett mit-2 ta' Lulju 2020.

Mill-atti jidher car illi l-Bank rikorrenti ghandu kreditu sostanzjali fil-konfront tal-kumpannija mnehhija minn fuq ir-Registru **MT Limited (C-41597)** u li, jekk irid jinghad kollox, il-Bank rikorrent naqas milli jipprocedi kontra l-istess kumpannija sabiex jissalda l-kreditu tieghu u eventwalment jithallas, anke jekk in effetti, ix-xhud Simon Zammit ta l-ispjegi tal-Bank ghal dan, liema ragunijiet il-Qorti tifhem ukoll.

Illi filwaqt illi l-intimat Registratur ghandu ragun josserva illi ma ghandux ikun accettat illi kredituri jezercitaw id-dritt taghhom ai termini tal-Artiklu 325(4) meta jkunu jafu illi l-kumpannija ma jkolliex assi – b'dana kollu kull kaz storja u fil-kaz odjern, wiehed bizzejjed jaghmel referenza ghall-kopji tal-ipoteki esebiti sabiex jikkonkludi illi dan mhux wiehed minn dawk il-kazijiet.

Huwa ghalhekk illi din il-Qorti, fid-decizjoni taghha qed tiehu nota tal-fatt illi r-Registratur intimat kellu kull ragun illi jikkancella isem il-kumpannija **MT Limited (C-41597)** minn fuq ir-Registru, pero` l-Bank rikorrent ghandu l-interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-ligi biex huwa jitlob b'success ir-rientegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Registru.

Il-Qorti hadet anke nota ta' dak li qal ir-rappresentant tal-Bank rikorrent, fis-sens illi l-Bank jgharaf l-importanza li jagixxi issa fl-eventwalita' li ser tinghata l-possibilita' li jsir dan. Dan qed jinghad peress illi una volta jinghata din l-opportunita' li l-kumpannija MT Limited terga' titpogga fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, dan ma jfissirx illi din il-Qorti terga' taghti jew marbuta terga' taghti opportunita` ohra jekk il-Bank rikorrenti ifalli mid-dmirijiet u l-obbligi tieghu. Li l-Bank intimat huwa ben konxju ta' dan, tpoggi lil din il-Qorti f'posizzjoni aktar komda u serena biex tezercita id-diskrezzjoni taghha favur it-tqeghid lura ta' isem is-socjeta` MT Limited lura fuq ir-Registru.

**GHALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvediment tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, din il-Qorti jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 356 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **MT Limited (C-41597)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **MT Limited (C-41597)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji ghall-perjodu ta' hames (5) snin, b'dan illi l-Bank rikorrenti huwa mistenni illi jinizjala u jsegwi l-proceduri sabiex jikseb u jenforza kwalsiasi titolu ezekuttivi kontra l-istess socjeta` msemmija fiz-zmien hawnekk koncess.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **MT Limited (C-41597)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tal-Bank rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**